**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2008**

DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv

**L-EWWEL SENA** **RELIĠJON** **Ħin: Siegħa u nofs**

**Isem:** ______________________ **Klassi:** ______________

**Taqsima A** Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba. **(10 x 1 = 10 marki)**

1. Ġesù kien jgħix fil- (Ġordan, Palestina).
2. Il-pubblikani kienu (jżommu l-ordni fil-pajjiż, jiġbru t-taxxa).
3. Fil-festa ta' l-Għid il-Lhud jieklu (ħobż bla ħmira, laħam tal-majjal).
4. It-tifel ta' Abraham kien (Iżakk, Ġużeppi).
5. L-ewwel sultan tal-Lhud kien (David, Sawl).
6. F'Ġerasa Ġesù (keċċa x-xjaten, tema 5000 ruħ).
7. Fit-Testment il-Ġdid hemm (27, 46) ktieb.
8. Il-festa ta' meta Ġesù tela' s-sema nsejħulha (l-Għid, Lapsi).
9. Massimiljanu Kolbe (ta flusu, ta ħajtu) għal ħaddieħor.
10. Quddiem (is-Sinedriju, Pilatu) Ġesù qal li hu sultan.



**Taqsima B** Qabbel kolonna A ma' kolonna B. **(10 x 1 = 10 marki)**

| | A | | B |
|---|---|---|---|
| 1. | Il-Fariżej | | kien il-kap tal-Pubblikani. |
| 2. | Is-Sadduċej | | ma kinux ħbieb mal-Lhud l-oħra. |
| 3. | Il-Pubblikani | | kienu jobdu l-Liġi bl-irqaqat kollha tagħha. |
| 4. | Is-Samaritani | | kienu l-ħakkiema tal-Palestina. |
| 5. | Is-Sinedriju | | kienu jiġbru flus iktar milli suppost. |
| 6. | Pilatu | | kien jieħu ħsieb 100 suldat. |
| 7. | Kajfa | | kien il-gvernatur tal-Palestina fi żmien Ġesù. |
| 8. | Ir-Rumani | | kienu jemmnu li mal-mewt jispiċċa kollox. |
| 9. | Żakkew | | kien jieħu ħsieb l-affarijiet reliġjużi tal-Lhud. |
| 10. | Ċenturjun | | kien il-qassis il-kbir fi żmien Ġesù. |

**Taqsima Ċ** Aqra s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet. **(24 marka)**

## It-tieġ ta' Kana

Sar tieġ f'Kana tal-Galilija, u omm Ġesù kienet hemm. Ġesù kien mistieden għat-tieġ hu wkoll, flimkien mad-dixxipli tiegħu. Billi ma kienx fadal iżjed inbid, omm Ġesù qaltlu: "Ma għandhomx inbid."

U Ġesù qalilha: "X'hemm bejni u bejnek, mara? Is-siegħa tiegħi għadha ma waslitx."

Omm Ġesù qalet lill-qaddejja: "Agħmlu kull ma jgħidilkom hu."

Issa kien hemm sitt ġarar tal-ħaġar, imqiegħda hemm għar-rit tal-purifikazzjoni tal-Lhud, kull waħda minnhom tesa' xi 100 jew 120 litru. Ġesù qal lill-qaddejja: "Imlew il-ġarar bl-ilma." U dawk imlewhom sax-xifer. Imbagħad qalilhom: "Issa ħudu minnu u newluh lil dak li qiegħed jieħu ħsieb il-mejda."

U huma marru jagħtuhulu. Hu daq l-ilma mibdul f' inbid; u billi ma kienx jaf mnejn ġie, għalkemm il-qaddejja li ħadu l-ilma kienu jafu, sejjaħ lill-għarus u qallu: "Kulħadd l-inbid it-tajjeb iservi l-ewwel; meta mbagħad ikun ħadhom iġibu dak li jkun inqas tajjeb. Imma int l-inbid it-tajjeb erfajtu sa issa."

*(Ġwanni 2, 1-10)*



1. Fejn sar it-tieġ?

_______________________________________________ (2)

2. Min kien mistieden ma' Ġesù?

_______________________________________________ (2)

3. Min induna l-ewwel bil-problema li nqalgħet?

_______________________________________________ (2)

4. X'kienet din il-problema?

_______________________________________________ (2)

5. X'wieġeb Ġesù lil ommu?

_______________________________________________ (2)

6. X'qalet Marija lill-qaddejja?

______________________________ (2)

7. Kemm kien hemm ġarar u kemm kienu jesgħu?

______________________________ (2)

8. X'qal Ġesù lill-qaddejja biex jagħmlu?

______________________________ (2)

9. Lil min kellhom inewluh?

______________________________ (2)

10. X'qal wara li daq l-inbid li newlulu?

______________________________ (2)

11. X'nitgħallmu dwar Ġesù minn dan il-miraklu?

______________________________ (4)

**Taqsima D** <u>Semmi x'għamel Ġesù f'dawn il-postijiet</u>: **(8 x 2 = 16-il marka)**

1. Ix-xmara Ġordan

______________________________

2. Kana

______________________________

3. Tabor

______________________________

4. Betlehem

______________________________

5. Nażżaret

______________________________

6. Ġerusalemm

______________________________



7. Ġeriko

8. L-Għadira tal-Galilija

**Taqsima E** Fisser dawn is-siltiet mill-Evanġelju. **(5 x 4 = 20 marka)**

1. "Ħobbu lill-għedewwa tagħkom u itolbu għal dawk li jippersegwitawkom". *(Mt 5, 44)*

2. "Meta titlob, idħol fil-kamra tiegħek ta' ġewwa, agħlaq il-bieb warajk u itlob lil Missierek li hu fil-moħbi". *(Mt 6, 6)*

3. "Tgeddsux għalikom teżori f'din id-dinja, fejn kollox jitmermer bil-kamla u s-sadid. Iżda ġemmgħu għalikom teżori fis-sema". *(Mt 6, 19-29)*

4. "Min irid ikun l-ewwel fostkom, għandu jkun qaddej tagħkom". *(Mt 10, 43)*



5. "Nagħtikom kmandament ġdid: li tħobbu lil xulxin". *(Ġw 13, 3-4)*

**Taqsima F** Ikteb madwar **100 kelma** dwar **wieħed** mis-suġġetti li ġejjin: **(20 marka)**

(a) Parabbola li qal Ġesù u għid x'tgħallimt minnha.

**JEW**

(b) Miraklu li għamel Ġesù.